# FONZU U SĦABU JMORRU ĠURNATA GĦAWDEX

Kitba ta' Suzanne Piscopo. Stampi ta' Michael Piscopo.

Marzu li għadda Fonzu l-Fenek, Lola n-Nannakola u Miċu l-Qattus ftiehmu biex imorru ġurnata Għawdex. Iltaqgħu kmieni filgħodu u marru b'tal-linja saċ-Ċirkewwa biex jaqbdu l-vapur.

Kif rikbu l-vapur, Lola ħeġġet lil sħabha biex jitilgħu fuq, in-naħa ta' quddiem. Minn hemm kien ikollhom veduta tajba. Ftit minuti wara, il-vapur daqq il-ħorn u telqu!



Fonzu fil-pront ħareġ il-kamera u beda jieħu r-ritratti. L-ewwel ħa tat-torri ta' Kemmuna u tal-irdum għoli ta' taħtu. "Tafu min bnieh dan it-torri?" staqsiethom Lola. "Il-Gran Mastru Wignacourt!" wieġeb Fonzu li kien iħobbha ħafna l-istorja ta' Malta. "Il-kavallieri bnew bosta torrijiet bħal dan madwar il-kosta."

Xi kwarta wara, il-vapur trakka mal-moll tal-Imġarr. Ma laħqux niżlu l-art li Miċu ma qallhomx li kellu l-għatx u l-ġuħ. "Issa x'ħin naslu r-Rabat nieħdu xi ħaġa ħafifa," qaltlu Lola. "Imma ma ndumux," qabeż Fonzu "għax għandi sorpriża għalikom."

Rikbu tal-linja u telgħu r-Rabat. Marru ħanut tal-kafè u ħadu tazza larinġ frisk magħsur u slajs torta kull wieħed. "Kemm hi tajba t-torta," qal Miċu waqt li lagħaq xufftejh.

"Imma din donnha mhix tal-irkotta," kompla Miċu. "U żgur li le," qabżet Lola. "Hawnhekk jagħmluha bil-ġbejniet friski."

"Mela la qed issemmu l-ġbejniet, ħalli ngħidilkom fuq is-sorpriża," qalilhom Fonzu. "Irranġajt biex immorru razzett żgħir fejn irabbu n-nagħaġ u jagħmlu l-ġbejniet."

It-tlett iħbieb telqu bil-mixi lejn ir-razzett. Wara ftit, ħallew il-bini warajhom u bdew għaddejin minn trejqa fl-għelieqi. Kienu mdawwrin bi fjuri ta' kull kulur, ħaxix aħdar jixgħel bin-nida u ħafna tpespis tal-għasafar.

X'ħin waslu r-razzett, laqagħhom Karmnu r-raħħal li offrielhom tazza ilma u ħadhom ħdejn il-bhejjem. Kellu xi għoxrin nagħġa… anke ħrief ta' ftit ġimgħat kien hemm. "Jekk jogħoġbok nista' nieħu xi ritratti?" staqsa Fonzu. "Mela le," wieġbu Karmnu, hekk kif beda jaħleb in-nagħaġ u jimla l-ħalib frisk ġo barmil kbir nadif.

Karmnu spjegalhom il-proċess kollu kif jagħmlu l-ġbejniet. "L-ewwel inżidu likwidu speċjali mal-ħalib biex jagħqad. Wara nerfgħu ċ-ċapep li jkunu ffurmaw u nitfgħuhom ġol-qwieleb biex joħroġ l-ilma u l-ġbejniet jagħqdu sew."

